# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' FRAR 2002

**Numru 6**

**Avviz numru 36/02DM**

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Winston Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz premezz ta' liema l-Awtorita' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tliet elef disa' mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm3,966) rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mid-dokument anness mmarkat Dok 'A', bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Charles Visanic u rat id-dokumenti esebiti; issib illi t-talba attrici

tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef disa mija u sitta u sittin liri Maltin (Lm3,966) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-10 ta' Jannar 2002; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magistrat

A. Farrugia
Dep.Reg.

va

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Frar, 2002

**Numru 6**

**Avviz numru 36/02DM**

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Winston Fenech**

**Charles Visanic prodott mill-Awtorita' attrici bil-malti bil-gurament jghid:**

Jiena qieghed nesebixxi l-Qorti ic-cekk illi rcevejna minghand il-konvenut bi hlas akkont tal-ammont indikat fl-avviz u nghid illi dan ic-cekk dalghodu stess gie rrifjutat mill-bank billi ma kienx hemm fondi bizzejjed biex ikopruh.

Ghaldaqstant nghid illi l-kreditu tal-kumpanija attrici kontra l-konvenut ghadha fis-somma ta' tliet elef disa' mija u sitta u sittin lira (Lm3966) kif indikat fl-avviz.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' Charles Visanic dettata fil-presenza tieghu stess.

Magistrat

Niddikjara li traskrivejt fis-sewwa u fedelment u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.

V. Attard
Traskrittrici

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta’ nhar il-Gimgha 15 ta’ Frar, 2002

**Numru 6**

**Avviz numru 36/02DM**

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Winston Fenech**

**Charles Visanic prodott mill-attur bil-malti bil-gurament jghid:**

Jiena Senior Manager fid-dipartiment tal-Accounts tal-Awtorita’ attrici. Jiena qed nikkonferma illi meta saret il-kawza, il-konvenut kien debitur tal-Awtorita’ fis-somma indikata fid-dokument A fol 2 tal-process, ammontanti ghal tliet elef disa’ mija sitta u sittin lira (Lm3966). Dawn huma l-kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi minn kwalunkwe lukanda li trid taghmel kull sena lill-Awtorita’.

Fil-mori ta’ dan l-avviz, pero, b’cekk datat illum stess, ahna thallasna ammont akkont fis-somma ta’ tliet elef, tliet mija u tlieta u disghin lira (Lm3393), u ghaldaqstant il-konvenut ghadu debitur ta’ l-Awtorita’ fis-somma ta’ hames mija tlieta u sebghin lira (Lm573) oltre l-imghax legali u l-ispejjes tal-kawza.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta' Charles Visanic dettata fil-presenza tieghu.

Magistrat

Niddikjara li traskrivejt fis-sewwa u fedelment u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.

V. Attard
Traskrittrici